# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)

**Kump. Numru: 772/2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Rennie Stivala)**

**Vs**

**Aaron Charles Zahra**
**(K.I. 378581M)**

**Illum, 13 ta' Marzu 2023**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Aaron Charles Zahra, ta' 32 sena, bin Mariano u Mary Grace nee Formosa, imwieled Pieta, fit-28 ta' Ġunju 1981, u li joqgħod f' 46, Dana, Flat 1, Triq iz-Zinzel, Qormi, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 378581M, u akkużat talli f' dawn il-gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula d'riżoluzzjoni waħda;

1. fil-24 ta' Ottubru 2010, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-

eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ bi ħsara ta' ħaddieħor, ta' aktar minn ħamest elef ewro (€ 5,000) għad-dannu tal-kumpanija Gasan Mamo Insurance Agency Limited u/jew persuni/kumpaniji oħra;

2. fil-24 ta Frar 2011, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ bi ħsara ta' ħaddieħor, ta' aktar minn ħamest elef ewro (€ 5,000) għad-dannu tal-kumpanija Gasan Mamo Insurance Agency Limited u/jew persuni/kumpaniji oħra;

3. fit-3 ta' April 2012, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ bi ħsara ta' ħaddieħor, ta' aktar minn ħamest elef ewro (€ 5,000) għad-dannu tal-kumpanija Citadel Insurance Agency Limited, Victoria Insurance Agency, u/jew persuni/kumpaniji oħra;

4. aktar talli fis-17 ta' April 2010, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ bi ħsara ta' ħaddieħor, ta' aktar minn

ħamest elef ewro (€5,000) għad-dannu tal-kumpanija Untours Insurance Agency Limited, u/jew persuni/kumpaniji oħra;

5. u aktar talli f'dawn il-gżejjer, fl-istess dati msemmija hawn fuq sabiex jikseb vantaġġ jew beneficċju għalih innifsu jew għall-ħaddieħor, f'xi dokument xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta tagħrif falz;

6. u aktar talli f'dawn il-gżejjer, fl-istess dati msemmija hawn fuq bil-ħsieb li tikseb għalik innifsek jew għall-ħaddieħor il-ħlas ta' flus ta' sigurta kontra r-riskji, jew xi qligħ ieħor mħux mistħoqq, iddistruġġa, xerred 'l hawn u 'l hinn, jew għarraq b'xi mezz li jkun, ħwejjeġ tiegħu;

7. u finalment talli rrendejt ruħek reċidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati Malta, liema sentenzi saru definitivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat illi fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2016, il-prosekuzzjoni irtirat ir-raba' imputazzjoni fil-konfront tal-imputat;

Rat illi fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2016 l-imputat ammetta għall-akkużi dedotti kontra tiegħu ħlief għat-tieni imputazzjoni;

Rat illi fis-seduta tal-25 ta' Ġunju 2020, l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu;

Rat is-Sentenza erogata minn din il-Qorti, diversament ppreseduta, nhar id-19 ta' Novembru 2020;

Rat is-Sentenza erogata mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-23 ta' Frar 2021;

Rat illi ai termini tas-sentenza erogata mill-Qorti tal-Appell Kriminali, l-imputat reġa' tpoġġa fil-posizzjoni li kien fiha qabel ma ġiet ippronunzjata s-sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, u li din il-Qorti għandha tiddeċiedi l-każ mill-ġdid skont il-liġi;

Rat li l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta nhar it-28 ta' Lulju 2021 tramite l-Assenjazzjoni maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat il-*pre-sentencing report* redatt mill-Uffiċjal tal-Probation datat l-4 ta' Ottubru 2022;

Ikkonsidrat:

Illi mill-provi mressqa quddiem din il-Qorti jirriżulta illi lejn l-aħħar tal-2013 u l-bidu tal-2014 il-Pulizija eżekuttiva rċeviet diversi rapporti rigward inċidenti stradali li fil-fehma tas-soċjetajiet assikuratturi kienu jidhru suspettużi. Mill-investigazzjonijiet tal-pulizija irriżulta illi numru ta' persuni kienu arkitettaw u wettqu numru ta' tamponamenti stradali frawdolenti bil-għan li imbagħad jagħmlu *claims* mas-soċjetajiet assikurattriċi u jinkassaw il-flus. L-akkużat de quo kien wieħed minn dawn il-persuni u kien involut fi tlett tamponamenti. Jirriżulta li l-pulizija akkużaw madwar tnejn u tletin persuna b'rabta ma din l-iskema frawdolenti. L-akkużat *de quo* ma kellux rwol ċentrali f'din l-iskema u huwa ħallas l-ammonti kollha dovut lis-soċjetajiet asskikuratturi.

Ikkonsidrat;

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tiegħu, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Il-Qorti, mandanakollu tqis ukoll li l-akkużat irrifonda lis-soċjetajiet assikuratriċi l-fondi gwadanjati minnu bl-aġir tiegħu. Il-Qorti tqis li r-reati mwettqa huma serji mhux biss għax qed isir qliegħ illeċitu iżda anke għax jattakkaw il-fiduċja reċiproka li teżisti f'relazzjoni ta' assikurazzjoni fejn l-assikuratur iħallas danni sofferti *in bona fede* mil-assikurat tagħha. Ir-reati odjerni jimminaw propju dik ir-relazzjoni ta' fiduċja tant neċessarja f'dawn it-tip ta' kuntratti.

Illi mill-Pre-sentencing Report redatt jirriżulta illi l-imputat huwa llum-il ġurnata stabbilit fil-familja u fix-xogħol tiegħu. Għandu familja maqgħuda u għandu relazzjoni tajba ħafna mal-ġenituri tiegħu u mal-maġġoranza ta' ħutu. Għandu support mill-familja tiegħu, speċjalment minn martu. Għandu xogħol fiss u huwa raġel bieżel ħafna. Hu m'għandu ebda vizzju u għandu għall-qalbu ż-żwiemel u l-għelieqi. L-akkużat m'għandu ebda każ pendenti u għalkemm il-fedina penali tiegħu m'hijiex nadifa, jidher biċ-ċar li tul dawn l-aħħar 8 snin hu ma kisirx difrejħ mal-liġi.

Illi l-uffiċjal tal-probation tikkondkludi li huwa għandu jkompli jgħix ħajja ta' bżulija billi jkompli jaħdem, ikompli jiffoka fuq il-familja u t-trobbija tat-tfal tiegħu. Finalment, hemm rakkomandat fir-rapport illi l-akkużat jagħmel ammont ta siegħat ta' servizz fil-komunità ai termini tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Mis-sottomissjonijiet kemm tal-prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiża joħroġ ċar li m'hemm ebda kontestazzjoni għal din ir-rakkomandazzjoni.

Illi min-naħa l-oħra, il-Qorti ma tistax tiskarta l-fatt li permezz tar-reati mwettqa minnu, l-akkużat ibbenefika minn ammonti sostanzjali ta' flus, liema ammonti, madanakollu, ġew ritornati minnu. Il-Qorti ma tistax tiskarta

wkoll il-fatt li l-akkużat huwa reċidiv permezz tas-sentenzi ppreżentati in atti.

Illi fil-fehma tal-Qorti, għalkemm il-piena ta' priġunerija hija waħda adatta għar-reati mwettqa mill-akkużat, min-naħa l-oħra, l-Qorti għandha tieħu kont ukoll taċ-ċirkostanzi odjerni u l-karattru tal-akkużat kif delineati fil-*pre-sentencing report*.

Illi a tenur ta' l-ewwel proviso tal-Artikolu 7(2) tal-Kap. 446 reż applikabbli bl-artikolu 11(1) tal-istess Kap, din il-Qorti tqis li l-akkużat (i) għandu impjieg fiss u ilu hekk sa minn Marzu 2006; (ii) huwa missier ta' tlett itfal minorenni li jiddependu minnu u li għandu familja magħquda; (iii) uliedu huma stabbiliti fl-iskola u fl-attivitajiet *extra-kurrikulari* tagħhom; (iv) m'għandu ebda vizzju u filfatt it-testijiet tal-urina dejjem irriżultaw fin-negattiv; (v) il-maġġoranza tas-sejbien ta' ħtija preċedenti jirrigwardjaw offiżi relatati mat-traffiku; (vi) l-akkużat irriżarċixxa l-ammonti kollha lis-soċjetajiet assikurattriċi fil-bidu ta' dawn il-proċeduri; (vii) l-akkużat ammetta l-involviment tiegħu f'dawn ir-reati; u li (viii) hu ma kienx il-moħħ wara din l-iskema frawdolenti iżda kien ġie mħajjar minn terza persuna sabiex jipparteċipa f'din l-iskema illeċita; hija l-fehma tal-Qorti wara li qieset iċ-ċirkostanzi tal-ħati u r-Rapport ta' Qabel is-Sentenza sopra msemmi li huwa adatt li l-ħati jitqiegħed taħt Ordni ta' Servizz fil-Komunità. Illi mis-sottomissjonijiet tad-difiża jirriżulta ampju li l-ħati jaqbel ma' din l-Ordni wkoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 31, 49, 50, 188(2), 295, 308, 309 u 310(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu, qed issib lil **Aaron Charles Zahra <u>ħati</u>** tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, il-ħames, is-sitt u s-seba' akkuża dedotti kontra tiegħu u wara li rat l-Artikoli 11, 12, 13 u 14 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta qed tpoġġi lill-istess Aaron Charles Zahra taħt Ordni ta' Servizz fil-

Komunità bil-kondizzjoni li jagħmel xogħol bla ħlas għal mitejn u erbgħin siegħa (240) f'dak il-post u b'dawk l-arranġamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation u Parole* u bil-kondizzjonijiet kollha l-oħra imsemmija fid-digriet hawn anness.

Illi a tenur tal-Artikolu 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem l-effetti tal-Ordni ta' Servizz fil-Komunità kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor huwa, jista' jingħata sentenza għar-reati li tagħhom instab ħati b'din is-sentenza.

Ai termini tal-Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni ta' Servizz fil-Komunità bid-digriet ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole, lill-Uffiċjal Sorveljanti assenjat lill-ħati kif ukoll lill-awtoritajiet responsabbli mis-sorveljanza tat-twettieq tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Illi fir-rigward tar-raba' imputazzjoni, il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni tagħha stante li din ġiet irtirata mill-prosekuzzjoni.

Finalment il-Qorti tordna li ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-att, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza, fi żmien sitt (6) ijiem ta-xogħol mil-lum.

**Dr. Leonard Caruana B.A., LL.D., M.A (Fin. Serv)**
Maġistrat

**Sharonne Borg**
Deputat Reġistratur

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)**

## ORDNI TA' SERVIZZ FIL-KOMUNITÀ

(Maħruġ ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta)

**Il-Pulizija**
**(Spettur Rennie Stivala)**

**Vs**

**Aaron Charles Zahra**
**(K.I. 378581M)**

Illum, 13 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Servizz fil-Komunità u billi b'sentenza mogħtija llum, fl-ismijiet fuq premessi, **Aaron Charles Zahra**, bin Mariano u Mary Grace nee Formosa, imwieled Pieta, fit-28 ta' Ġunju 1981 detentur tal-karta tal-identita bin-numru 378581M ġie misjub ħati kif hemm imfisser u ġie mpoġġi taħt Ordni ta' Servizz fil-Komunità ai termini tal-Artikoli 11, 12, 13 u 14 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Wara li ai termini tal-Artikolu 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem l-effetti tal-Ordni ta' Servizz fil-Komunità kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati f'dan id-Digriet u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawn l-ordnijiet u dawn il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor huwa, jista' jingħata sentenza għar-reati li tagħhom instab ħati bis-sentenza mogħtija llum stess.

Għalhekk, tordna li l-ħati **Aaron Charles Zahra**, bin Mariano u Mary Grace nee Formosa, imwieled Pieta, fit-28 ta' Ġunju 1981 detentur tal-karta tal-identita bin-numru 378581M jagħti **mitejn u erbgħin (240) siegħa** f'dak il-post u b'dawk l-arranġamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation u Parole* u dan bil-kondizzjonijiet segwenti:

1. Matul il-perjodu ta' servizz fil-komunità, il-ħati għandu jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi kollha tal-uffiċjal għas-Servizz fil-Komunità, jirrapporta lil u jżomm dak il-kuntatt regolari u mitlub mill-Uffiċjal għas-Servizz fil-Komunità maħtur lilu u jwettaq l-istruzzjonijiet kollha maħruġa lilu skont il-ħtieġa tal-każ u s-sitwazzjoni;

2. Matul il-perjodu ta' servizz fil-komunità, il-ħati għandu jirrapporta lill-awtoritajiet rilevanti minn żmien għal żmien skont l-istruzzjonijiet maħruġa lilu mill-Uffiċjal għas-Servizz fil-Komunità;

3. Li jwettaq b'mod sodisfaċenti u bi bżulija raġonevoli dawk is-siegħat kollha ta' xogħol siewi fil-Komunità f'dawk il-ħinijiet u għal tul ta' dak iż-żmien kif speċifikat aktar 'il fuq;

4. L-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunità maħtur għal dan l-iskop għandu jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħati kull sitt xhur;

5. Il-ħati għandu javża immedjatament lill-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunità b'kull bdil li talvolta jagħmel fl-indirizz residenzjali tiegħu jew impjieg, kemm temporanju kif ukoll permanenti lill-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunità;

6. Il-ħati għandu jżomm ruħu f'kuntatt mal-uffiċjal għas-Servizz fil-Komunità skont id-direttivi li jagħtih minn żmien għal żmien l-istess Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunità; u partikularment li huwa għandu, jekk l-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunità jkun hekk irid, jirċievi żjarat tal-istess Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunità;

7. Il-ħati għandu jiffirma l-formola ta' ftehim ta' xogħol ta' servizz fil-komunità;

F'każ li dawn il-kundizzjonijiet ma jiġux segwiti, l-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunità għandu jagħmel denunzja ai termini tal-Liġi quddiem il-Qorti kompetenti.

TORDNA li kopja ta' din l-Ordni tingħata lil ħati u lid-Direttur inkarigat mid-Dipartiment tal-*Probation Services u Parole* ai termini tal-Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

---

**Aaron Charles Zahra**

**Ft.Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**